KUNSILL LOKALI ISLA

IL-HAMES KUNSILL

LAQGHA NUMRU SITTA U ERBGHIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficcju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2008 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Membri Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsilliera | |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Ezekuttiv | |
| | Arthur Perici | - | Segretarju Ezekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Approvazzjoni ta' 3rd Quarter Financial Report
4. Korrispondenza
5. Gazzetta tal-Kunsill
6. Laqgha Pubblika
7. Rikonoximent Studenti Junior Lyceum
8. Playground Triq il-Habs l-Antik
9. Approvazzjoni ta' Bye-Laws  Uzu ta' facilitajiet
10. Approvazzjoni w iffirmar ta' pagamenti w ordnijiet

## 46 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

46(1) 1 Il-Kunsill kellu l-minuti tal-laqghat tal-Kunsill nru 41 u 42 ghall-approvazzjoni.

Tressqu l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill numru 41.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif prezentati.

Tressqu l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill numru 42.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif prezentati.

## 46(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-hidma u laqghat li saru mill-ahhar laqgha tal-Kunsill.

46(2) 1 ***European Social Fund***

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Arthur Perici attendaw ghall-laqgha msejha mit-TCTC gewwa l-Kunsill ta' B'Kara dwar il-Proget *European Social Fund.* Dan huwa progett biex tizdied il-partecipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol. Huwa progett iffinanzjat b'75% mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill jiffinanzja 25%. Tlaqqew numru tal-Kunsill biex jifurmaw parti min dan il-progett. Biex ikollna xi tip ta' *feedback* mill-lokalita' hrigna avvizi madwar il-lokalita ghal dawk interessati. Peress li d-data ta' l-gheluq biex napplikaw ghall-progett kienet *tight* u ma kellniex *feedback* pozittiv, gie deciz li ninfurmaw lill-partijiet koncernati li mhux ser niformaw parti mill-ESF. La darba ma jkollokx konkorenza mhux viabbli li l-Kunsill johrog 25%.

46(2) 2 **Laqgha fil-Kunsill Lokali Kalkara**

Inzammet laqgha fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara, li ghaliha attenda s-Segretarju Ezekuttiv dwar talba mill-Kunsill Lokali Birgu biex jigi diskuss it-*Tender* tar-*Refuse Collection*. Peress li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qieghed fi process li johrog *specifications* godda ghal dan it-*tender* minhabba is-separazzjoni ta' l-iskart, gie deciz li jsir estenssjoni ta' sitt xhur mal-kuntrattur prezenti. Dan qed isir wara konsultazzjoni mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sakemm jinharreg id-dokument finali.

46(2) 3 **Laqgha mas-Sur Ray Abela - TCTC**

Saret laqgha fl-ufficcju tal-Kunsill fejn kienet prezenti wkoll Kunsilliera mill-Birgu dwar *courses* tal-kompjuter ghall-Adulti li jkunu sussidjati mill-Kunsill. Din il-kumpanija qed toffri li l-Kunsill ihallas is-somma ta' □ 1106.45 ghall-mitt partecipant. F'kaz li jkun hemm amqas min 50 partecipant tinhadem prorata. Insistejna li jekk il-Kunsill jaqbel dwar dawn il-korsijiet, il-kumpanija toffri l-kompjuters mehtiega u t-tahrig isir fil-bini tal-Kunsill Lokali Isla. Matul l-istess laqgha wrejna l-hsieb rigward xi novita' ghas-*summer club.* TCTC ha jnidu progett gdid bl-isem ETfal, fejn l-istudent aparti it-taghlim ikun hemm hin ta' rekreazzjoni flimkien, bl-element ta' loghob fuq il-kompjuter. Dan jiswa' xi □ 850. Saret din id-diskussjoni ghaliex finalment la darba niddeciedu, il-preparamenti huma varji u jiehdu xi xahrejn jew tlett xhur qabel jinbeda l-kors.

46(2) 4 **Laqgha BOV**

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill kellhom laqgha mas-Sur Ghigo, Manager BOV Cospicua. Iddiskutejna l-proceduri minhabba t-tibdil fil-kariga tas-Segretarju Ezekuttiv. Gew mimlija u ffirmati d-dokumenti mehtiega. B'hekk is-Segretarju jkun jista' jesegwixxi l-funzjonijiet finanzjarja relatati mal-Bank.

## 46 (3) Approvazzjoni ta' 3rd Quarter Financial Report

46(3) 1 Il-Kunsill gie pprezentat kif ukoll inghatat spjegazzjoni ta' 3rd Quarter Financial Report ghall-perjodu Ottubtu-Dicembru 2007. Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood dan ir-rapport gie approvat kif prezentat.

## 46 (4) Korrispondenza mibghuta u rcevuta mill-21 ta' Jannar 2008 sal-15 ta' Frar 2008

| | |
|---|---|
| **04/0210/08/I** | Talba min Kenneth Abela ghall-kiri tas-sala tal-Kunsill ghall-party nhar is-27 ta' Jannar 2008.<br>Il-Kunsill laqa' din it-talba. |
| **04/0211/08/I** | Talba min Pauline Gialanze ghall-kiri tas-sala tal-Kunsill ghall-party tal-precett nhar is-7 ta' Gunju 2008. |
| **04/0244/08/I** | Ittra ta' ringrazzjament mit-Tabib Vincent Zammit ghad-djarju mahrug mill-Kunsill, kif ukoll prosit ta' din il-publikazzjoni. |
| **04/0245/08/I** | E-mail mis-Sur Meruzzi dwar l-iskuna fejn il-bieb tat-tarzna. Gejna nfurmati li ma jistghux jaqbdu ma' l-owner ta' l-iskuna. Il-Kunsill jista' inehhi l-imsemmija skuna skond L.N. 94 ta' l-1997. |
| **04/0266/08/I** | E-mail minghand Andrew Hamilton rigward iz-zjara ta' l-HMS Illustrious. Din ipposponiet iz-zjara taghha ghal xi zmien. |

| | |
|---|---|
| **04/0280/08/I** | Talba mis-Sur V.Bartolo ghall-kiri tas-sala tal-Kunsill ghall-party fis-27 ta' Frar. Il-Kunsill laqa' di nit-talba. |
| **04/0300/08/1** | E-mail mill-Kunsill Lokali Birgu biex tinzamm laqgha dwar il-hrug ta' tender ghall-gbir ta' skart domestiku. |
| **04/0303/08/I** | E-mail mill-Perita Jean Frendo MRES dwar id-devoluzzjoni ta' l-arlogg tat-tarzna. |
| **04/0320/08/I** | Acknowledgement mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv. |
| **04/0321/08/1** | Ittra mill-Kunsill Pastorali Parrokjali ghall-permess biex isiru madwar 100 toqba ghall-arbli fix-xatt. Il-Kunsill talab biex l-ewwel nikkonfermaw li ma jkunx hemm ostakli ghar-residenti. |
| **04/0356/08/I** | Ittra min Empire Cinema Complex dwar film Malti li se jintwerra fic-cinema kollha dwar il-passjoni ta' Sidna Gesu Kristu. Qed joffrulna pakkett ghal dan il-film matul in-nofs ta' nhar ta' filghodu li jikkonsistu f'coffee morning. |
| **04/0387/08/I** | Stedina mill-Kunsill Lokali Birgu dwar Festival Letterarju bl-isem Vers Aghtin, nhar id-29 ta' Frar 2008. Qed jistiednu zewg persuni biex jaqraw silta' ta' proza jew poezija. Il-Kunsill qabel li niddiskutu mas-Sur Joe Abela, is-Sur Joe Haber u s-Sinjorina Romina Powell, |
| **04/0425/08/I** | Memo 1/2008 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Seminar Informattiv dwar Zwigijiet mis-Sindki. |
| **04/0428/08/I** | Ittra ta' konferma ghall-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Arthur Perici, mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. |
| **04/0520/08I** | E-mail mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgha ghas-Sindki fuq il-gbir u s-separazzjoni ta' l-iskart. |
| **04/0521/08I** | E-mail mis-Sur Charles Stroud f'isem 26th frame dwar il-programm il-Hadd fuq TVM nhar is-17 ta' Frar. Il-Kunsill talab sabiex tintbaghat ittra lill-26th frame dwar □ 116.46 hlas tal-programm kif ukoll nirrimarkaw dwar il-hin limitat li gie allokat ghall-intervisti ghan-naha tal-Kunsill Lokali. |
| **04/0524/08/I** | E-mail mis-Sur Ray Abela tat-TCTC dwar laqgha biex niddiskutu programmi ta' edukazzjoni fuq il-kompjuter ghaz-zghazagh. |
| | Talba ghall-permess min BJ Productions fejn ser itellghu Dramm tal-Passjoni bejn l-14 u s-16 ta' Marzu. Il-permess qed jintalab biex jinzamm post ghall-*container* kif ukoll *public mobile toilets*. Qed jintalab permess ukoll sabiex jitwahhal *streamer* barra l-Mina Principali ta' l-Isla.<br>Il-Kunsill qabel li nistaqsu l-uzu tal-container ( jekk dan ser ikun ghall-*storage* u *dressing room* ma tinstab l-ebda oggezzjoni) sabiex ma jkunx problemi ta' *parking* kif ukoll li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghall-*Mobile Toilets* u la darba l-*istreamer* ma jitwahalx mas-swar ma tkunx problema. |
| | Cirkolari LESC 1/2008 mill-Kumitat dwar is-sistema ta' l-infurzar lokali dwar direttiva sabiex ma jinhargux aktar it-tahkiriet biex wiehed jidher quddiem it-tribunal loakli meta jkollu petizzjoni li ghada pendenti.<br>Il-Kunsill talab li tintbaghat ittra lis-Sur John Bonavia, Kumitat Kongunt, sabiex nigbdu l-attenzzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-wardens fl-Isla, peress li |

| | |
|---|---|
| | qed isiru xi abbuzi mill-istess wardens. |
| | Konferma mis-Sur Andrew Hamilton li l-HMS Illustrious ser tkun Malta bejn is-26 u d-29 ta' Frar 2008. Ser jinzammu dawn l-attivitajtiet :<br>Stedina lis-Sindki tal-Kottonera ghad-dahla ta' l-HMS Illustrious fil-Port il-Kbir nhar is-26 ta' Frar. Stedina ghall-zjara fuq l-HMS nhar is-27 ta' Frar filghodu. Il-Kunsill qabel li jigu mistiedna raprezentati mis-socjetajiet Sengleani ghal din iz-zjara. Fit-28 ta' Frar delegazzjoni mill-HMS ser taghmel zjara fl-Isla sabiex tpoggi kuruna mal-monument tal-Gwerra. Dakinhar stess ser jintbaghtu 15 il-bahri sabiex jaghmlu xoghol, propost mill-Kunsill, fil-lokalita' ta' l-Isla. Ghal dan il-ghan gie ssugeritt u maqbul li jsir xoghol ta' zebgha ta' *railing* ghad-dahla ta' l-Isla u r-rixtellu tal-librerija kif ukoll *grass cutting* ma' l-arlogg tat-tarzna u s-swar tad-dahla ta' l-Isla. Fit-28 ta' Frar filghaxija ser tinzamm reception fuq l-HMS Illustrious. Aparti stedina ghas-Sindku, Kunsilliera u staff, il-Kunsill qabel li jigu mistiedna l-Arcipriet u l-Kumitat Konsultativ, peress li l-invitazzjonijet huma limitati (20). |
| | Il-Kunsill baghat ittra lid-Direttur, Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-*5-a-side football pitch*, fejn nitolbu l-permess biex jigi ffirmat il-ftehim mal-kuntrattur biex ix-xoghol jibda f'April 2008 pero' jidher bhala *future commitment* u ghalhekk jigi rifless fil-*financial indicator* ghas-sena 2007/2008. Dan wara li gew prezentati l-*accounts* sa' l-ahhar ta' Jannar u *forecast* sa' l-ahhar ta' Marzu. Il-pozizzjoni tal-Kunsill ser tkun wahda pozittiva, kif hareg mill-istess *financial report*. |

## 46 (5) Gazzetta tal-Kunsill

Is-Sindku Joe Casha ipprezenta format tal-Gazzetta tal-Kunsill ghall-perjodu tal-hames legislatura bejn April 2005 u Marzu 2008, fejn ser jinghata rendikont tal-hidma mill-Kunsill f'dawn l-ahhar tlett snin kif ukoll il-kelmtejn tal-Kunsilliera.

46(5) 1 Fuq proponiment tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill qabel unanimament li tigi ppublikata l-imsemmija gazzetta.

## 46 (6) Laqgha Pubblika

Il-Kunsill qabel li tinzamm il-laqgha pubblika ghas-sena 2007/2008 nhar il-Hadd, 2 ta' Marzu fid-9.30am gewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jipprepara l-avvizi mehtiega biex jitwahhlu fin-notice boards tal-Kunsill gewwa l-Lokalita' kif ukoll fil-hwienet. Kif mitlub bil-ligi l-avviz ghandu jigi ppublikat fil-gazzeta tal-Gvern kif ukoll jigi nfurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

46(6) 1 L-Agenda ghall-Laqgha Pubblika ser tkun :

(1) Rapport Amministrattiv 2007/2008
(2) Rapport Finanzjarju 2007/2008
(3) Kummenti mill-Pubbliku

## 46 (7) Rikonoximent Studenti Junior Lyceum

Kif ghamel fil-passat il-Kunsill hass li ghandu jaghti rikonoximent lil dawk l-istudenti li ghaddew ghall-Junior Lyceum kif ukoll lit-tfal li ntghazlu ghall-kompetizzjoni matul is-Summer Club. Il-Kunsill qabel li jinzamm riceviment u jinghataw kotba ghal din l-okkazzjoni.

46(7) 1 Is-Sindku Joseph Casha hass li peress li wasalna fl-ahhar ta' din il-legislatura, ghandna norbtu dan ir-rikonoximent billi nistiednu u nirringrazzjaw lis-Socjetajiet Senglean u l-Kumitat Konsultattiv tax-xoghol taghhom fl-ghajnuna lejn il-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li tkun okkazzjoni xierqa sabiex nirringrazzjaw lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alphonse Zammit ghas-servizzi tieghu u nintroducu lis-Segretarju l-gdid, is-Sur Arthur Perici.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinzamm riceviment nhar l-4 ta' Marzu gewwa l-Kunsill fis-7.00 pm. Ghal dan il-ghan il-Kunsill ivotta s-somma ta' □ 465

## 46 (8) Playground Triq il-Habs l-Antik

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li jrcevejna l-flus approvati mill-Housing ghal din il-playground.

46(8) 1 Is-Sindku zied li biex jitkompla dan il-progett hemm bzonn li inziedu zewg kiddie rides u jitbiddlu z-zewg bandli. Giet prezentata kwotazzjoni mid-ditta M-Quip Co. Ltd li tkopri din l-ispiza li tammonta ghal □ 1629 (inkluz il-VAT u l-installazzjoni). Fuq proponiment tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsiller Louis Henwood, il-Kunsill approva n-nefqa ta' □ 1019.50 liema soma tkopri Kiddie Ride wahda u zewg Bandli.

## 46 (9) Approvazzjoni ta' Bye-Laws  Uzu ta' facilitajiet

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li s-sena l-ohra l-Kunsill kien ipprepara dokument dwar bye law ghall-uzu ta' Gnien il-Gardjola u uzu tas-sala tal-Kunsill, issa li jrcevejna xi emendi mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, iridu nifinalizzaw l-istess bye law ghall-approvazzjoni tal-Ministru koncernat u l-publikazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

46(9) 1 Wara l-prezentazzjoni u diskussjoni ta' dawn l-emendi, il-Kunsill approva din il-Bye Law kif emendata. Dan sar wara proponiment tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop. Is-Segretarju ntalab sabiex jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif mehtieg.

## 46 (10) Approvazzjoni w iffirmar ta' pagamenti w ordnijiet

Il-Kunsill kellu approvazzjoni ta' hlas ta' pagamenti li jammonta ghas-somma ta' Lm 5,227 u  15582.37

46(10) 1 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-kunsill approva l-pagamenti li jammontaw ghas-somma ta' Lm 5,227

46(10) 2 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-kunsill approva l-pagamenti li jammontaw ghas-somma ta'  15582.37

Il-Laqgha intemmet fid-9.00pm.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Arthur Perici |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |